Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri - Għawdex)

Imhallef Anthony Ellul

Illum il-Gimgha, 23 ta' Ġunju, 2017.

Appell numru: 44/2015 AE

**Gordon Mayo (appellat)**

**vs**

**Manuela Bugeja**

**(appellanti)**

1. **Din hija kawża għar-rifużjoni tal-ispejjeż ta' kors ta' *hairdressing* li għamlet il-konvenuta Bugeja barra minn Malta, u li tħallsu mill-attur.**

2. Fl-Avviż tad-9 ta' Ottubru 2012 ippreżentat quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar, l-attur Gordon Mayo (eżerċitanti d-ditta **TONI&GUY**) allega illi l-konvenuta Manuela Bugeja kellha tħallsu s-somma ta' €3,195 (oltre l-imgħax bir-rata ta' 5% b'effett minn meta l-ammont ġie dovut) rappreżentanti *course fees* imħallsa minnu għal *classic precision course* segwit minnha f' Settembru 2011. Spjega li ai termini tal-iskrittura tad-29 ta' Awwissu 2011 dan l-ammont kellu jiġi rimborżat minnha fi żmien tlett (3) xhur mit-tmiem tal-impieg tagħha. Qal li minkejja li kien interpellaha biex tħallsu hija baqgħet inadempjenti u għalhekk kellu jiftaħ il-kawża odjerna. Talab li l-ispejjeż (inkluż l-imgħaxijiet legali) ikunu a karigu tal-konvenuta.

3. Fir-Risposta tagħha tas-26 ta' Ottubru 2012 il-konvenuta wieġbet biex tgħid li t-talba tal-attur hija infondata stante li hija ma telqitx mill-impieg, iżda ġiet kostretta tabbanduna l-istess impieg meta sfat imkeċċija mill-attur stess. Bl-ispejjeż kontra l-attur.

4. Fis-sentenza li ingħatat fid-19 ta' Ottubru 2016, it-Tribunal ċaħad l-eċċezzjoni tal-konvenuta u laqa' t-talba tal-attur, u konsegwentement ikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attur l-ammont ta' €3,195 mitlub minnu bl-imgħaxijiet mill-4 ta' Awwissu 2014.

5. Fis-7 ta' Novembru 2016 il-konvenuta appellat mis-sentenza fejn talbet lil din il-qorti sabiex tirrevoka s-sentenza, tilqa' l-eċċezzjonijiet u l-aggravji tagħha, u tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur.

6. **L-aggravji** tal-konvenuta huma:

   (i) Fl-ewwel lok tilmenta li t-Tribunal għamel apprezzament ħażin tal-provi in kwantu kkonkluda li kienet hi stess li rriżenjat mill-impieg tagħha mal-attur. Issostni invece illi effettivament kien l-attur li ordnalha tgħaddilu l-ittra tar-riżenja tagħha u li hija "*innoċentement*" għamlet dak li ordnalha tagħmel l-imgħallem tagħha.

   (ii) Fit-tieni lok targumenta illi anke *dato sed non concesso* li wieħed kellu jilqa' t-teżi tal-attur (u cioe` li kienet hi stess li rriżenjat), kellu jkun hemm mitigazzjoni fil-penali dovuta, u dan minħabba li kien fadal biss ftit xhur biex hija tkun għamlet tlett snin sħaħ taħdem mal-attur in segwitu għall-kors li ħallsilha.

   (iii) Fit-tielet lok taċċenna għall-fatt li t-Tribunal naqas li jikkwalifika l-interessi u ordna hekk: "*bl-imgħaxijiet jibdew jiddekorru fuq dan l-ammont mill-erbgħa ta' Awwissu tal-elfejn u erbatax sad-data tal-ħlas effettiv.*" Tgħid illi b'hekk jinftiehem li l-imgħaxijiet għandhom jiġu kkalkulati bir-rata ta' 8% meta fil-verita` l-attur stess kien talab li l-imgħaxijiet ikunu ta' 5%.

7. L-attur appellat fit-12 ta' Diċembru 2016 wieġeb biex jgħid li d-deċiżjoni tat-

Tribunal hi ġusta u timmerita konferma. Dwar il-kwistjoni tal-interessi huwa ma jikkontestax li għandha tapplika r-rata ta' 5% abbażi tal-ftehim; madanakollu jissottometti li l-qorti għandha tikkunsidra jekk mid-data tas-sentenza għandhiex tapplika r-rata ta' 8%.

**Provi:**

8. L-attur Gordon Mayo huwa direttur tad-ditta **TONI&GUY** f'Malta u Għawdex.

9. Skont il-konvenuta Manuela Bugeja, f' Awwissu 2008[1] bdiet taħdem mal-attur (f' *hairdressing salon* tad-ditta **TONI&GUY**) bħala studenta, bla paga u mingħajr ktieb tax-xogħol.

10. Eventwalment l-attur bagħatha tagħmel kors tal-*hairdressing* għand **TONI&GUY** f' Londra. Dan il-kors kien ta' tlett (3) ġimgħat, bejn it-12 ta' Settembru 2011 u t-30 ta' Settembru 2011.

11. Fid-29 ta' Awwissu 2011, u cioe` ġimgħatejn qabel ma marret biex issegwi dan il-kors, il-partijet (Gordon Mayo u Manuela Bugeja) iffirmaw skrittura[2] li fiha iddikjaraw illi ispejjeż kollha tal-kors (£2780/€3195) li kienu sejrin jitħallsu minn Gordon Mayo, kellhom jitħallsu lilu mill-konvenuta f' każ li ma tagħmilx tlett (3) snin taħdem miegħu wara li tkun segwiet tali kors. Ġie miftiehem ukoll li f' tali każ ir-rimbors tal-ispejjeż kellu jsir fi żmien tlett (3) xhur mid-data li tkun telqet mill-impieg u li f' każ ta' morożita` kellha tkun applikabbli r-rata ta' 5% imgħax.

12. Jirriżulta minn dokument uffiċjali tal-ETC[3], li fl-1 ta' Ottubru 2011, u cioe` proprju l-għada li ntemm l-imsemmi kors, l-attur uffiċjalment impjega lill-konvenuta miegħu fuq bażi *full-time* u għal żmien indefinit. Hija kienet taħdem fil-*salon* ta' **TONI&GUY** li jinsab fil-kumpless "Arkadia" f' Għawdex.

---

[1] Affidavit tal-konvenuta Dok MB1, fol 42-43
[2] Skrittura tad-29 ta' Awwissu 2011, fol 4-5
[3] Dok ETC1, fol 37

13. Ġara li għall-aħħar ta' April 2014, ċertu Lara Theuma[4], kollega tal-konvenuta, li kienet taħdem fl-istess s*alon* ta' **TONI&GUY** f' Għawdex magħha, ġiet offruta impieg b'paga aħjar u b' inqas sigħat ta' xogħol. Qalet li "*Dan il-job kien se jkun available f' Jannar*". Meta nfurmat lill-konvenuta din ukoll tħajret titlaq mill-impieg li kellha mal-attur. Theuma xehdet, "*Hi ma xtaqitx tibqa' taħdem hemm u allura ftehmna illi tiġi taħdem miegħi*". Għalhekk il-konvenuta u Lara Theuma ikkomunikaw mal-attur Gordon Mayo u qalulu li riedu jkellmuh.

14. Kienet il-ġurnata tal-Ħadd, <u>4 ta' Mejju 2014</u> li marru Malta biex ikellmuh fl-uffiċċju tiegħu il-Gżira. Il-konvenuta fl-affidavit tagħha enfasizzat illi "*Aħna ma morniex hemm biex nirriżenjaw jew nitilqu, anzi konna morna niddiskutu u lanqas biss kellna l-ħsieb li nagħtu n-notice. Aħna ridna biss niddiskutu miegħu x' inhu l-aħjar għalina u għalih*."

15. Mhux ikkontestat illi hekk kif l-attur Gordon Mayo sar jaf li l-intenzjoni tagħhom kienet li jitilqu mill-impieg tagħhom miegħu, huwa pront qalilhom biex ma jersqux iktar lejn is-*salon* ta' **TONI&GUY** f' Għawdex u dan minħabba li ma riedx li jkollhom aċċess għad-dettalji tal-klijenti ta' tali *salon* li kellu mdaħħla fis-sistema tal-*computer* hemm. Huwa xehed illi kien qalilhom, "…*mela jekk intom ser tieqfu, tridu tieħdu ċ-ċavetta lil waħda mill-impjegati l-oħra li kelli u jekk għandkom taħdmu n-notice, in-notice tridu taħdmuh Malta."*

16. Kontro-eżaminat innega li ħuwa keċċa lill-konvenuta u lil Theuma. Qal li ma sfurzahomx biex jaħdmu n-*notice period* u li ħallielhom tali *option* miftuħa. "*Ma tawnix dati eżatti meta kienu ser jieqfu u lanqas jien ma tlabthom meta. U dan peress li ridthom jiktbuli bil-miktub dak li riedu huma*."

17. Il-konvenuta u Theuma da parti tagħhom jiċħdu li waqt il-laqgħa li kellhom l-attur qatt qalilhom li setgħu imorru jaħdmu f' xi *salon* ta' **TONI&GUY** f'Malta. Il-konvenuta fil-fatt xehdet illi, "*Hu talabna r-resignation letter imma ovvjament ma kellniex dak il-ħin għax ma konniex ippreparati li nitilqu mix-xogħol. Konna għidnilu li lesti naħdmu sa Jannar iżda dan ma riedx jaf*."

[4] Affidavit ta' Lara Theuma Dok LT1, fol 44-46

Kontro-eżaminata[5] qalet "*Għidnilu li se naħdmu sal-aħħar tas-sena, lesti li naħdmu sal-aħħar tas-sena, u hu beda jgħajjat u qalilna 'Le, itilqu 'l barra issa'…Aħna għamilniha ċara li aħna lesti li naħdmu sal-aħħar tas-sena. Aħna għalhekk morna, biex hu jkun jista' jsib lil xi ħadd ieħor ħalli aħna nkunu nistgħu ngħallmu lil ħaddieħor…*"

18. Mistoqsija għalfejn allura iffirmat ir-*resignation letter, wieġbet illi "Hu għamel xi ġimgħa jċempel, iċempel, iċempel u ma kontx naf x' ħa naqbad nagħmel, u għidt, qbadt u ffirmajtha."*

19. Ir-*resignation letter* tal-konvenuta, datata t-Tnejn, 5 ta' Mejju 2014[6] tgħid hekk:

> *"I am writing to formally notify you that I am resigning from my position with **TONI&GUY** Malta. As you informed me that in the light of my decision to resign you would like me to cease from attending the salon with immediate effect, please note that my last day of employment was the 3rd of May 2014.*
>
> *I value the time I spent working with **TONI&GUY** and thank you for your professional guidance and support. I wish you and the company all the very best of success in the future."*

20. Skont l-istess dokument tal-ETC (Dok ETC1) fuq imsemmi, l-aħħar ġurnata tal-impieg tal-konvenuta mal-attur hija fil-fatt indikata bħala t-3 ta' Mejju 2014.

21. Bi tweġiba għall-ittra ta' riżenja tal-konvenuta, l-attur wieġeb hekk[7]:

> *"I refer to your resignation letter dated Monday 5th May 2014. The contents of which have been noted.*
>
> *May I however specify that our request was only that of changing your place of operation work from Gozo to some other **TONI&GUY** branch and not as from all **TONI &GUY** branches, as you seem to be implying in the above mentioned letter.*
>
> *Nevertheless, on your request, **TONI&GUY** management is hereby*

[5] Kontro-eżami tal-konvenuta tat-3 ta' Ġunju 2016, fol 73 et seq
[6] Resignation letter tal-konvenuta, Dok GM2, fol 30
[7] Ittra tal-attur Dok GM3, fol 31 (Ma tidhirx id-data ta' tali ittra peress li fuq in-naħa ta' fuq tal-ittra twaħħlet ir-riferta tal-posta reġistrata)

*accepting your letter of resignation. May I also remind you that, as per the agreement dated 29th, August 2011, you owe **TONI&GUY** the sum of €3195. it is in your best interest that the latter mentioned sum is paid in full into immediate effect in order for the matter to be resolved expeditiously and amicably."*

22. Sussegwentement fis-17 ta' Lulju 2014[8], l-attur bagħat ittra legali lill-konvenuta, fejn b'referenza għall-ftehim tad-29 ta' Awwissu 2011 u għall-ittra tagħha ta' riżenja tal-5 ta' Mejju 2014 interpellaha sabiex fi żmien ġimgħa tħallas is-somma ta' €3,195 rappreżentanti *course fees* imħallsa minnu.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-qorti:**

*Il-kwistjoni dwar kif intemm l-impieg tal-konvenuta:*

23. Il-verżjonijiet taż-żewġ partijiet f'dan ir-rigward, huma l-oppost ta' xulxin. Skont l-attur, ma keċċiex lill-konvenuta mill-impieġ tagħha iżda sempliċiment qalilha li ma ridhiex tidħol iżjed fis-*salon* ta' **TONI&GUY** ta' Għawdex u dan sabiex ma jkollhiex aċċess għad-data li kellu bid-dettalji tal-klijenti. Skont il-konvenuta, (minkejja dak li jgħid l-attur fl-ittra tiegħu Dok GM3) mhux minnu li huwa kien taha l-għażla li taħdem f'*salon* ieħor ta' **TONI&GUY** f' Malta u ssostni li kien anzi insista li tgħaddilu l-ittra tar-riżenja tagħha.

24. Hu fatt li l-konvenuta bagħtet ittra ta' riżenja. Pero' hu fatt ukoll li:

(a) Kien fadal biss sat-30 ta' Settembru, 2014 biex lill-konvenuta jagħlqulha t-tlett snin li jissemmew fil-kuntratt li ffirmat fid-29 ta' Awissu, 2011. Dan ifisser ħames xhur.

(b) Li kieku l-konvenuta kellha l-intenzjoni li tirrizenja **minnufih**, kienet taqbad u taghti r-riżenja mingħajr il-ħtieġa li tmur Malta tiltaqa' mal-attur jew ghallinqas tiehu maghha ittra ta' rizenja. Inoltre, ma jirriżultax li l-konvenuta kellha mpjieg jew xogħol ġdid jistenniha, tant hu hekk li kien biss fil-15 ta' Lulju, 2014 li bdiet taħdem ma' Hair & Co Studios, Rabat,

[8] Ittra interpellatorja tal-attur, Dok GM4, fol 32

Għawdex[9]. Il-qorti ma tqiesx li hu verosimili li l-konvenuta ser taqbad u titlaq l-impieg tagħha meta kellha l-giljottina tal-kuntratt tad-29 ta' Awissu 2011 ghal ftit xhur ohra u ma kellix impieg alternattiv.

(c) L-attur stess xehed li: *"Jiena kont għamiltilhom ċara pero' li* ***ma ridtx la lilha u lanqas lil seħbitha fil-ħanut tiegħi l-għada filgħodu ġewwa Għawdex****"*. Minn dan il-kliem hu evidenti li Lara Theuma u l-konvenuta ma marrux jiltaqgħu mal-attur sabiex jinfurmawh li kienu qegħdin jirriżenjaw b'effett immedjat. Li kieku nfurmawh li kienu qegħdin jirriżenjaw, ma kienx ikun hemm raġuni għalfejn l-attur igħidilhom li mill-għada ma riedhomx iktar fil-hanut. Fil-fatt fi skambju li jidher li sar bejn l-attur u Lara Theuma fuq is-*social media*, l-attur kiteb: *"When we met you told for the second time that u were both stopping working for me and obviously I had to protect d salon and u left me without alternative but to think of what to do next. Why should I keep staff working in Gozo who betrayed me after helping them to come on their feet and ….."*[10].

(d) L-attur isostni li lill-konvenuta u lil Lara Theuma qalilhom sabiex jaħdmu n-*notice period* f'ħanut ta' Toni & Guy f'Malta; *"Jiena ma sfurzajthomx jaħdmuh in-notice period,* ***għidtilhom jekk iridu u allura ħallejtilhom l-option miftuħa****"*. L-istess qal meta xehed fis-seduta tal-15 ta' Diċembru, 2015. Maria Dingli, impjegata ohra tal-attur li kienet taħdem fil-ħanut ta' Għawdex, qalet li dakinhar li l-konvenuta u Lara Theuma qalulha li tkeċċew, kienet irċeviet messaġġ mingħand l-attur fejn qalilha li ma kellhomx iktar permess jaħdmu fil-ħanut ta' Għawdex; *"Kien qalli ukoll fuq il-messagg:* ***'I had to stop them immediately"****.* L-istess xhud qalet li l-attur qatt ma semmielha li kien qal lill-konvenuta u lil Theuma sabiex jibdew jirrapportaw għax-xogħol f'wieħed mill-ħwienet ta' Malta. Il-kliem *"I had to stop them immediately"*, jagħti wieħed x'jifhem li l-messagg kien li waqqafhom milli jkompli jirraportaw għax-xogħol. Il-qorti qrat l-affidavit u l-kontro-eżami li sarilha u tqies li l-kredibbilta' taghha m'hijiex imtappna b'xi mod. Dak li qalet ix-xhud jikkontrasta sew ma' dak li xehed l-attur, fis-

[9] Fol. 37.
[10] Fol. 48.

sens li ħallihom fil-liberta' li jaħdmu n-*notice period* f'Malta.

(e) Hu evidenti li l-attur insinwa li l-konvenuta u Theuma għamlulu l-ħsara meta qal: *"Mhux talli ma ġewx jaħdmu n-notice, talli l-klijenti li kellna kollha mniżżlin, kienu ġa ħadtu d-data minn ġol-kompjuters u kkanċellaw l-appuntamenti ta' dik il-ġimgħa stess li huma ma avviċinawx għax-xogħol"*. Verżjoni li hi kontradetta minn dak li xehedet Maria Dingli li kkonfermat li *"Fil-kolonna ta' Manuela u Lara l-klijenti kienu għadhom kollha mmarkati fuq isimhom. Ma ntmess xejn. Konna aħna, ċioe' l-ħaddiema l-oħra illi ħassarnihom... Apparti minn hekk it-tiġijiet u l-ewwel tqarbiniet li kienu bbukjati fuq isimhom, kienu għadhom kollha jidhru fuq isimhom"*[11] (ara wkoll affidavit Gabrielle Cauchi[12]).

(f) L-attur xehed ukoll, *"Ma tawnix data eżatta meta kienu ser jieqfu u lanqas jien ma tlabthom data meta"*. Dikjarazzjoni li jkompli ssaħħaħ il-fehma tal-qorti li dakinhar tal-laqgħa l-konvenuta ma kinitx qegħda tagħti avviż ta' terminazzjoni ta' impieg. Dan apparti li l-qorti temmen li fuq bażi ta' probabbilta waqt il-laqgha l-konvenuta u Theuma nfurmaw lill-attur bil-pjanijiet li kellhom. Wara kollox dak kien l-ghan wara l-laqgħa.

(g) Ghalkemm l-attur qal li lill-konvenuta u Lara Theuma qalilhom sabiex jaħdmu n-*notice period* f'ħanut f'Malta, dan mhuwiex verosimili. F'dan ir-rigward il-qorti tosserva:

- Hu obbligu legali li ħaddiem fuq kuntratt ta' impieg indefinit jagħti avviż ta' temm ta' impieg, u jaħdem il-perjodu li jissemma fl-artikolu 36(5) tal-Kap. 452. Fin-nuqqas għandu d-dmir li jħallas lill-prinċipal nofs il-paga li jkun imissha titħallas dwar iż-żmien tal-avviż.
- Ma jirriżultax li l-prinċipal insista li l-konvenuta taħdem iż-żmien tal-avviż. Lanqas ma jirriżulta li ħa passi ġudizzjarji sabiex tħallsu nofs il-paga għal dak il-perjodu. Għall-qorti dawn huma ndizji li fir-realta' l-attur ma riedx lill-konvenuta tersaq lejn il-ħwienet tiegħu. Hu evidenti li kien diżappuntat li żewġ impjegati li kien rawwem bħala parukkiera biex jahdmu fil-ħanut ta' Għawdex, kienu nfurmawh bl-

[11] Fol. 42.
[12] Fol. 47.

intenzjoni taghhom li iktar tard dik is-sena kien behsiebhom jirriżenjaw. Hu stess kiteb li kien ġie ttradut[13]. Il-qorti m'għandha l-ebda dubju li l-indizji kollha jindikaw li l-attur ma kienx dispost li jagevola lill-konvenuta u jhalliha tkompli tirraporta ghax-xoghol ladarba kienet infurmatu bil-ħsieb tagħha li titlaq.

25. Hu minnu li l-konvenuta baghtet ittra ta' rizenja, u dan bl-iktar mod ingenwu. Madankollu mill-konsiderazzjonijiet maghmula hawn fuq il-qorti m'ghandha l-ebda dubju li kien l-attur li waqqaf lill-konvenuta milli tkompli tahdem mieghu sal-ahhar tas-sena. Ghalhekk ma jistax issa jippretendi li jithallas l-ispejjez tal-kors li kien oggett tal-kuntratt tad-29 ta' Awissu 2011, meta kien hu li ried li titlaq minnufih mill-impieg gialadarba kienet ippjanat li titlaq mix-xogħol. Fis-sentenza t-Tribunal qal li fl-ittra tat-3 ta' Mejju, 2014,*"Kelma wahda li hja wahda dwar xi sforz li seta kien hemm mir-rikorrenti biex hija titlaq ma hemmx"*. Pero' fl-ittra l-konvenuta ghamlitha cara li kienet qeghda tirrizenja b'sehh mit-3 ta' Mejju, 2014 **ghaliex l-attur qalilha sabiex ma tmurx iktar is-salon**. Mela l-konvenuta għamlitha ċara li kieku kien għaliha kienet tibqa' tirraporta għax-xogħol. Hu veru li l-konvenuta kienet xorta behsiebha titlaq mill-impieg li kellha mal-attur, pero' waqfet fit-3 ta' Mejju, 2014 ghaliex l-attur ma kellux iktar pjacir bil-presenza tagħha.

26. Hu minnu wkoll li kif argumenta l-attur il-perjodu tan-notice kien jiskadi qabel it-30 ta' Settembru, 2014. F'dan ir-rigward it-Tribunal irraġuna li din il-materja mhijiex rilevanti ghaliex, *"... anke jekk din inħadmet, xorta waħda l-intimata kienet tispiċċa taħdem qabel it-30 ta' Settembru 2014 u ċioe' l-perjodu meta kienu jiskadu t-tlett snin imsemmija fil-ftehim datat 29 ta' Awissu, 2011"*. Pero' dakinhar tal-laqgha l-konvenuta ma marritx taghti notice lill-prinċipal skont l-artikolu 36(5) tal-Kap. 452 iżda marret tkellmu fuq l-intenzjoni tagħha li titlaq mix-xogħol fl-aħħar tas-sena. Verżjoni li hi korraborata minn Lara Theuma.

**Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell thassar is-sentenza tat-Tribunal**

[13] Fol. 48.

**ghal Talbiet Zghar u filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni u tichad it-talba tal-attur. Spejjez taz-zewg istanzi a karigu tal-attur**.

(ft.) Anthony Ellul
Imhallef

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur